KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Ħamsa u Sittin (65)***

***It-Tnejn, 7 t'Awwissu, 2023***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS

**ASSENTI:**

IL-KUNSILLIER ANDREAS GATT

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa (il-Laqgħa bdiet fis-6pm)

**65.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

65.1.1 Tressqet ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsilliera Rose Agius fejn infurmat li minħabba l-impenji relatati mal-festa, illum tinsab indisposta. Il-Kunsill approva l-ittra.

**65.2 Nuqqas ta' attendenza fil-Laqgħat tal-Kunsill mill-Kunsillier A.Gatt**

65.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq din il-materja fuq l-aġenda minħabba n-nuqqas ta' attendenza fil-Laqgħat mill-Kunsillier A.Gatt skond kif stipulat fil-liġi. Is-Sindku Darren Abela qal li prova jagħmel diversi kuntatti mal-Kunsillier iżda qatt ma ingħata raġunijiet min-naħa tiegħu dwar in-nuqqas ta' attendenza. Għaldaqstant f'dan l-istadju, il-Kunsill qabel li jinforma l-Ministru u d-Dipartiment dwar dan iżda mhux f'pożizzjoni li jgħaddi rakkomandazzjoni minħabba nuqqas ta' informazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti.

**65.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

65.3.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 64 li nżammet nhar it-Tnejn, 10 ta' Lulju, 2023.

65.3.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 64 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

65.3.3 **Mozzjoni 65-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 64.

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 64 ġew approvati unanimament.

**65.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 65(08) – Awwissu 2023***

65.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 65(08) permezz cheque numru 7220 (ref. 10889) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10881 sa 10909 li jammontaw €19,120.74

65.4.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

65.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll pagament għall-kotba mingħand il-BDL għal-librerija li tammonta għal €635.30

65.4.3 **Mozzjoni 65-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta’ l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 65(08) bl-ammont ta' €19,120.74 kif ukoll dik imressqa f’materja 65.4.3

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

L-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 65(08) ġiet approvata unanimament.

*Bl-approvazzjoni tal-membri preżenti il-Kunsill qabel li jiddiskuti ir-Rapport tat-Tieni Kwart tas-Sena sa Ġunju 2023.*

*F’dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-accountant tal-Kunsill virtwalment.*

L-Accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni tar-Rapport tat-Tieni Kwart tas-sena 2023.

**Mozzjoni 65-03**: Wara diskussjoni qasira, tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport tat-Tieni Kwart tas-Sena 2023

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Ir-Rapport tat-Tieni Kwart tas-Sena 2023 ġie approvat unanimament.

*F’dan l-istadju l-Accountant tal-Kunsill ħareġ mill-Laqgħa u l-Laqgħa tkompliet skond l-Agenda.*

**65.5 <u>Korrispondenza</u>**

65.5.1 Tressqet korrispondenza mingħand id-Dipartiment dwar tilwim mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill ikkonferma li m’għandu l-ebda tilwim legali iżda tajjeb li nsemmu l-kwistjoni li tmur lura snin twal, dwar l-istorm water culvert ta’ Triq San Gorg. Dwar dan il-Kunsill qabel.

65.5.2 Tressqet korrispondenza dwar risposta bl-avukat għal korrispondenza bejn iż-żewġ Għaqdiet tal-Festi fir-raħal. Il-Kunsillier Keith Fenech qal li bħala Kunsill għandna nagħmlu insistenza biex dawn il-laqgħat ta’ qabel il-Festi jibqgħu isiru u il-Kunsill ikun dejjem preżenti. Is-Sindku Darren Abela qal li dawn l-aħħar sentejn ma kienx infurmat bil-laqgħat. Għaldaqstant ġie ssuġeriet li wara li jgħaddu l-festi issir laqgħa mal-Pulizija sabiex niddiskutu l-*agreement* li hemm eżistenti u kif se nimxu ’l quddiem. Il-Kunsill qabel li l-korrispondenza tintbagħat issa u l-laqgħa ssir wara l-festi.

65.5.3 Tressqu żewġ korrispondenzi dwar kotba ġodda ppublikati. Il-Kunsill qabel li jinforma lil-librara dwarhom u jekk taħseb li għandu jkollna kopja fil-librerija, nixtruhom.

65.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li r-rampa ta’ Triq iċ-Ċeppun kif kienet sa ssir fit-tarf tat-triq mhix se ssolvi l-problema tar-resident, minħabba li hu qed jitlob li l-aċċess isir quddiem l-ispiżerija. Il-Kunsill qabel li jipprova jbaxxi l-bankina b’tali mod li ssir ir-rampa quddiem l-ispiżerija u quddiem ir-rampa tinżebaħ b’linji sofor.

65.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza rigward il-proġett LC Care Project. Il-Kunsill qed jiġi mitlub jirrifondi s-somma ta' €1,350.95 minħabba li l-fiscal receipts tad-dog bins u tal-ikel huma datati wara l-perjodu tal-kuntratt. Il-Kunsill iħoss li dan huwa inġust meta tikkunsidra x-xogħol kollu li sar biex il-cat feeders ingħataw l-ikel għal qtates, fejn anki ġew imqassma direttament fid-djar, kif ukoll twaħħlu d-dog bins kollha madwar il-lokal. Li jkun hemm penali hija ġustifikata iżda li nintalbu nirrifondu somma sostanzjali hija inġusta. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra bi tweġiba kif ukoll jiġi infurmat id-Dipartiment tal-Kunsill u l-Ministeru tal-Agrikultura.

*F'dan l-istadju, il-Laqgħa tal-Kunsill ġiet sospiża għal ftit. (fis-7:30pm)*

*Il-Laqgħa tkompliet skond l-Agenda fit-8:15pm*

**65.6 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

65.6.1 Is-Sindku Darren Abela qal li ġie avviċinat minn xi persuni fejn infurmaw li kien hemm aġir li mhux aċċettabbli mill-ħaddiema tal-Kunsill waqt li kienu assenjati biex inaddfu wara l-kunċerti li sar fil-grawnd tal-Kappillan. Is-Sindku Darren Abela qal li dan l-aġir ma jista' qatt ikun aċċettat u għaldaqstant ippropona li tittieħed azzjoni dwar dan. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel li t-tliet ħaddiema jingħataw ittra formali ta' twissija filwaqt li jitħallsu biss tat-tindif li sar il-Ħamis.

65.6.2 Is-Sindku Darren Abela qal li mill-ERL bagħtulna li hemm xi ħaddiem ġdid li jista' jiġi assenjat mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jinforma li bħala Kunsill għandna bżonn ħaddiem li jagħmel xogħol ta' Contracts Manager.

65.6.3 Is-Sindku Darren Abela informa li l-Kunsill irċieva invit mill-Għaqda Mużikali Santa Marija. Is-Segretarju Eżekuttiv informat li ġie mgħoddi lil kulħadd permezz ta' email u min se jattendi għandu jinforma.

65.6.4 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill b'attivita' tar-Regjun dwar Lejla sajfija u qal li min se jattendi għandu jinfurmah.

65.6.5 Is-Sindku Darren Abela ippropona li tintbagħat talba uffiċċjali lill-TM sabiex fi Triq G.Demicoli kantuniera ma Valletta Road jitwaħħlu crash barrier tal-hadid.

65.6.6 Is-Sindku Darren Abela informa lil Kunsill li ġie nfurmat mill-familjari ta' Dun Ang li se jagħlaq 90 sena u staqsew lill-Kunsill jekk hux se jsir xi avveniment. Is-Sindku Darren Abela ppropona li nitkellmu mal-Kappillan u naraw hux se jorganizza xi haġa hu. Jekk se ssir xi ċerimonja, il-Kunsill qabel li jattendi u jippreżenta xi rikonoxximent. F'każ li mhux se jkun hemm ċerimonja, il-Kunsill qabel li issir viżita ta' kortesija fejn qiegħed residenti u jingħata tifkira żgħira.

65.6.7 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar is-substation li hemm fi Vjal il-Labour li qed tissupplixxi d-dawl lill-blokka fi Triq Wenzu Dalli. Is-Sindku qal li wara li saret it-trinka bit-tarmak, fi Triq Santa Marija saret bil-konkos, u dan minħabba nuqqas ta' ftehim bejn il-kuntrattur, IM u TM. Is-Sindku kompla billi qall li hu ilu ħafna drabi jkellem lill-kuntrattur

imma s'issa baqa bla risposta dwar din il-kwistjoni. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li tintbagħat korrispondenza uffiċjali dwar din il-kwistjoni lill-TM u IM dwar kif se tiġi riżolta din il-kwistjoni.

65.6.8 Is-Sindku Darren Abela qal li irċieva stedina mingħand il-Grupp Tal -Folklor t' Għawdex fejn se jagħmlu attività f'Ottubru . Il-Kunsill qabel li jkellem lir-Reġjun dwarha u issir attività konġunta għal ħarġa bil-prezz ta' €15.

65.6.9 Is-Sindku Darren Abela informa l-Kunsill li ġiet aġġornata d-data tas-seduta mill-Awtorita' tal-Ippjanar għat-28 ta' Settembru 2023 fl-10am rigward il-permess tal-Post tan-Nar ta' Ħal Tarxien. Il-Kunsillier Keith Fenech fakkar li kien inħareġ DPA report ieħor u dan irridu narawh. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju issir laqgħa urġenti mal-Avukat kif ukoll mal-Perit tal-Kunsill sabiex nerġħu nippreżentaw ittra ta' oġġezzjoni kif ukoll il-petizzjoni sas-27 t'Awwissu 2023 skond kif indikat fil-korrispondenza.

65.6.10 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar l-iskart fil-ġimgħa tal-festa. Huwa ppropona li bħal ma sar fil-festa ta' San Ġużepp, inkellmu l-kuntrattur tal-knis biex jiġbor l-iskart li jkun hemm il-pjazza kuljum.

**65.7 <u>Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera</u>**

65.7.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli staqsiet dwar bollards li hemm fis-service road fejn il-ħanut tal-laħam il-ġdid li fetaħ. Il-Kunsill qabel li jiċċekkja għaliex qegħdin.

65.7.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli ressqet talba sabiex Triq Dun Guzepp Naudi titwahhal bollard biex l-isqaq jingħalaq. Il-Kunsill kien ġa ddiskuta din it-talba u kien ġa qabel li ma ssirx bollard.

65.7.3 Il-Kunsillier Keith Fenech staqsa dwar meta se jibda x-xogħol fuq it-*turf* tal-*ground*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se jinħareġ t-tender u se tagħmel *meeting* mal-Perit dwar dan.

**65.8 <u>Mozzjonijiet</u>**

65.8.1 Annessi mal-Minuti

**65.9 <u>Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

64.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 4 ta' Settembru 2023 fil-5.30pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-9:00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 65**

**Mozzjoni Ref:** 65-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 64

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 7 t'Awwissu 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 65**

**Mozzjoni Ref:** 65-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 65-08

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech** | **Christine Dalli** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 7 t’Awwissu 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 65**

**Mozzjoni Ref:** 65-03

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat ir-Rapport tat-Tieni Kwart tas-sena sa Ġunju 2023

**Keith Fenech**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

**Data:** 7 t'Awwissu 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**